

**Avviż għall-attenzjoni ta' persuni u entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK u fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarusja**

(2021/C 66/11)

L-informazzjoni li ġejja qed tinġieb għall-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet deżinjati fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK <sup>(1)</sup>1, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/353 <sup>(2)</sup>2, u fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 <sup>(3)</sup>3, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/339 <sup>(4)</sup>4, dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarusja.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, wara li rrieżamina l-lista tal-persuni u l-entitajiet deżinjati fl-Annessi msemmija hawn fuq, iddetermina li l-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni 2012/642/PESK u fir-Regolament (KE) Nru 765/2006 għandhom ikompli japplikaw għal dawk il-persuni u entitajiet. Ir-raġunijiet għad-deżinjazzjoni ta' dawk il-persuni u entitajiet huma mniżżla fl-entrati rilevanti f'dawk l-Annessi.

Qed tinġibed l-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet ikkonċernati għall-possibbiltà li ssir applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat(i) Membru/i rilevanti kif indikat fuq is-siti web fl-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 765/2006, sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni biex il-fondi ffriżati jintużaw għal ħtiġijiet bażiċi jew ħlasijiet speċifiċi (ara l-Artikolu 3 tar-Regolament).

Il-persuni u l-entitajiet ikkonċernati jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill qabel it-30 ta' Novembru 2021, flimkien mad-dokumentazzjoni ta' sostenn, li d-deċiżjoni li tinkludihom fil-lista msemmija hawn fuq għandha tiġi kkunsidrata mill-ġdid, fl-indirizz li ġej:

Council of the European Union  
General Secretariat  
RELEX.1.C  
Rue de la Loi/Wetstraat 175  
1048 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

Indirizz elettroniku: [sanctions@consilium.europa.eu](mailto:sanctions@consilium.europa.eu)

Ser jittieħed kont ta' kwalunkwe osservazzjoni rċevuta għall-fini tar-rieżami perjodiku tal-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni 2012/642/PESK u l-Artikolu 8a(4) tar-Regolament (KE) Nru 765/2006, tal-lista tal-persuni u l-entitajiet deżinjati.

<sup>(1)</sup> ĠU L 285, 17.10.2012, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 68, 26.2.2021, p. 189

<sup>(3)</sup> ĠU L 134, 20.5.2006, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 68, 26.2.2021, p. 29